**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 24 ta' April, 2017**

Kawza Numru: 398/2016JB

Numru: 50

**Go p.l.c. (C22334)**

***vs***

**Francis Bonnici (K.I.: 301865M)**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar is-26 ta' Settembru 2016 fejn is-Socjeta Attrici talbet li l-Konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' sitt mija u tmienja u tletin euro u sbatax-il centezmu (€638.17) rapprezentanti provvista ta' servizzi ta' telekomunikazzjoni. Talbet ukoll l-ispejjez, inkluz dawk ta' ittra ufficcjali numru 618/2016 u l-imghax;

Ra li l-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghas-seduta tal-24 ta' Ottubru 2016 (a fol 8);

Ra li ghad li debitament notifikat bl-atti (a fol 16), il-Konvenut naqas milli jipprezenta risposta fil-waqt li t-terminu preskritt mil-ligi ghal dan il-ghan iddekorra inutilment;

Ra n-nota prezentata llum stess fejn fiha ammetta t-talba u talab dilazzjoni tal-pagamenti fil-waqt li talab li fuq l-ammont dovut ma jiddekorrix imghax;

Ra l-verbal tas-seduta tal-lum u d-dikjarazzjonijiet li saru da parti tas-Socjeta Konvenuta;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkunsidra;

Illi hu car li fil-kawza odjerna, it-Tribunal ghandu jiddeciedi din il-kawza a bazi tal-ammissjoni tal-Konvenut u dak li gie verbalizzat fis-seduta tal-lum;

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-Konvenut ihallas lis-Socjeta Attrici s-somma ta' €638.17 bl-imghax mil-lum, b'dan li kemm-il darba l-Konvenuta jaghmel pagamenti mensili sal-ghaxar jum ta' kull xahar b'effett minn Mejju 2017 ta' mhux anqas minn mitt euro (€100), mghandu jiddekorri l-ebda imghax u din is-sentenza mghandhiex tigi esegwita.  Spejjez a karigu tal-Konvenut.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Adrian Pace
*Deputat Reġistratur*